**KUNSILL LOKALI NADUR**

**Minuti tat-tmienja u tletin (38) laqgħa tat-tmien (8) Kunsill Lokali tan-Nadur**

**It-Tnejn, 4 ta' Settembru, 2017, fil-5.00pm**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Edward Said | Sindku |
| Eucharist Camilleri | Viċi-Sindku |
| Dr. Rita Mifsud | Kunsilliera |
| Michael Camilleri | Kunsillier |
| Dr. Josianne Cutajar | Kunsilliera |
| Sue-Ellen Bugeja | Segretarju Eżekuttiv |
| Luke Galea | Ambaxxatur taż-Żgħażagħ |

**Talba:** Il-laqgħa bdiet b’talba.

**1. Qari tal-ittri ta’ l-apoloġiji.**

Ma kienx hemm ittri ta’ apoloġiji.

**2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.**

Il-Minuti tas-seba’ u tletin (37) laqgħa tal-1 ta’ Awwissu, 2017 ġew ikkoreġuti, approvati, iffirmati u dikjarati bħala dokument uffiċjali.

**3. Komunikazzjoni mis-Sindku u mistoqsijiet mil-Kunsilliera.**

- ***Agenda*** – Is-Sindku nnota li l-*layout* tal-agenda nbiddlet ftit kif kien mitlub minn naħa tad-Dipartiment għal Gvern Lokali.
- ***Laqgħa MGOZ*** – Is-Sindku nnota li din il-laqgħa ser tinżamm fis-27 ta’ Settembru, fl-4.00pm.
- ***Uffiċċju tal-Kunsill*** – Is-Sindku nnota li l-kamra tal-bejt issa sarilha *storage* ġdid għal-filing u kollox ġie aktar organizzat.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

- ***Ġemellaġġi:***

  - ***Zafferana*** – Is-Sindku nnota li il-problema għal talba ta' informazzjoni ma hiex is-Sindku izda l-*administration* li hija ftit burokratika żżejjed u allura ddeċidejna li għalissa ma mmexxux bl-applikazzjoni għall-ġemellaġġ. Wara diskussjoni ġie maqbul li dan ma għandux ifisser li ma jsirx il-ġemellaġġ fil-futur jew li tieqaf ir-relazzjoni.
  - ***Baveno*** – Is-Sindku kellu laqgħa tajba mas-Sindku ta' Baveno, u hi tixtieq ħafna li tmur delegazzjoni minn Nadur f'Baveno f'April 2018. Tkellmu ħafna ukoll dwar il-maratona li jorganizzaw huma u s-Sindku talab lil Kunsill jikkunsidra li Matthew Xuereb jirrappreżentana u nkopru biss l-*flight*. Dan għalhiex ta' Baveno ser jakkomodawh u jgħinuh f'affarijiet oħra. F'dan il-każ Matthew ser ikompli jirreklama Nadur 8K u anke juza l-logo tan-Nadur. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

- ***Proposta Bars Triq Diċembru 13*** – Is-Sindku nnota li din il-materja qed tiġi diskussa mal-Perit Scerri u anke TM sabiex isiru xi emendi u l-ħsieb huwa li naħdmu fuqha matul il-ħarifa.

- ***Toy House fl-iSkola tas-Sorijiet tan-Nadur*** – Is-Sindku qal li din waslet u ser teħel fil-ġranet li ġejjin.

- ***Cameras fi Ġnien il-Kunsill*** – Is-Segretarja nnotat li ġiet infurmata mill-kumpanija li installat l-cameras oriġinarjament – G4S – li hemm ħsarat kbar fil-wiring wara li marru fuq il-post. Wara diskussjoni ġie deċiż li jintalbu kwotazzjoniet oħra peress li l-ispejjeż huma kbar.

- ***Artist Disinn Karnival 2018*** – Is-Sindku tkellem ma' l-artist Chris Saliba u dan aċċetta li ser jaħdem fuqha. Il-Viċi Sindku talab sabiex qabel isir ix-xogħol ikollna stima.

- ***Palma Triq Duru*** – Is-Sindku informa li din ser tinqala minn ELC.

- ***Pannelli Latrina ta' Daħlet Qorrot*** – Is-Sindku nnota li marru Econetique fuq il-post iżda ma jistgħux isewwuwhom peress li ma kienx xogħol tagħhom. Hu kompla jghid li jkun l-aħjar li inkellmu l-Kumpanija oriġinali. Kien hemm qbil fuq dan.

- ***Latrina tal-Bajja tar-Ramla*** – Il-Kunsill baqa' jirċievi l-kontijiet u ktibnilhom b'avukat. Il-Kunsill irċieva ukoll li ser jaqtgħu d-dawl, pero issa jidher li ħadha f'idejh il-Gvern u allura din il-materja tingħalaq.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

- ***Kors Għaqal id-Dar*** – Dan qed jiġi rreklamat sabiex jibda fl-aħħar ta' Settembru fis-Sala tal-Kunsill. Il-Kunsilliera Dr. Rita Mifsud issuġġeriet li nitkellemu mal-*co-ordinator* tad-*Day Centre* u ta' Dar Frangisk Grima biex iħajjru lil anzjani jattendu wkoll għal dan il-kors interessanti.

- ***Dog Bins*** – Tlabna lil GreenPak sabiex jgħinuna u aċċettaw. L-irħas li sibna huma 7 bins mingħand OPAL għal prezz ta' 861euro. Inħallsu aħna u niġu *refunded*. Dawn ser jeħlu Ġnien kunsill, kenuna, ħali, san blas, skola, cocco palmeri u ċentru.

- ***Tined*** – Is-Sindku nnota li peress li f'ħafna attivitajiet qed niġu bżonn tined zgħar li jintramaw faċilment, u konna qed nużaw dejjem dawk ta' Paul Thomas Caruana, irnexxielu jsib ftehim miegħu sabiex dawn jinxtraw mingħandu bil-prezz ta' 80 euro il-waħda, li huwa inqas mill-prezz tas-suq, peress li xtrajna waħda ukoll riċentament għall-Wine Festival. Kien hemm qbil fuq dan.

- ***Tabella Għar Mixta*** – Il-Viċi Sindku talab li ssir tabella sabiex inaddfu warajhom dawk li jagħmlu użu minn dan il-post. Din ser issir.

**4. Korrispondenza.**

(5926) Ċirkulari mingħand Deputy Librarian rigward Inizjattiva Finanzjarja favur il-komunita' – Liberiji Lokali/Regjonali – Is-Sindku nnota li din is-sena jkun aħjar jekk nikkunsidraw li jinxtara Aircondition minflok kotba peress li jkun hemm ukoll story reading fil-librerija matul is-sajf ukoll. Diġa marru tal-GDS sabiex jagħtuna stima fuq dan.

(5927) Informazzjoni dwar 'established alignment of Roads' ming]and Planning Authority.

(5928) E-mail mingħand Kura Primarja tas-Saħħa rigward Influenza Vaccine Campaign 2017.

(5929) Ċirkulari AKL 42/2017 mingħand Local Government Association rigward Kollaborazzjoni mal-Kummissjoni Kontra l-Vjolenza Domestika f'sensiela ta' attivitajiet.

(5930) Ċirkulari AKL 56/2017 mingħand LCA rigward Join the International Urban Cooperationn (IUC) city-to-city cooperation programme.

(5931) Ċirkulari AKL 43/2017 mingħand Local Government Association rigward Tħabbir tal-attivitajiet tal-Gimgħa Ewropea tal-Mobilta'.

(5932) E-mail mingħand il-prodotturi Programm Life & Style rigward nominazzjoni ta' persuna mil-lokalita' li għandha xi talent specjali- Gie deċiz li tigi nominata Mary Portelli (Mosaic). Il-Kunsill irċieva ukoll e mail mingħand XIFT- TVM rigward programm ieħor u gie deċiz li jsir promozzjoni fuq il-Karnival.

(5933) Ċirkulari Numru 22/2017 mingħand Assistant Principal –Administration rigward Inizzjattiva Finanzjarja favur il-Komunita' – Libreriji Lokali/Regjonali.

(5934) E-mail mingħand Local Government rigward Invitation to participate in MUNI WORLD CONFERENCE 2018 in Tel Aviv.

(5935) E-mail mingħand Local Government on behalf of Support at DLG rigward Case No 408/2017 – Diffikultajiet Finanzjarji Kunsilli Lokali . Kien hemm diskussjoni fuq din il-korrispondenza.

(5936) Ittra mingħand Chief Officer (Transport Malta) rigward Rapport mill-Kunsill Lokali rigward ir-Reserved Parking Bay.

(5937) E-mail mingħand UIF rigward il-bilanc tal-Kunsill Lokali (as at 30th June 2017).

(5938) Ċirkulari AKL 58/2017 mingħand Assoccazzjoni Kunsilli Lokali rigward EDIC Newsletter.

(5939) E-mail mingħand Joseph Said (Ass. To Dir. U3A) rigward University of the Third Age.

(5940) Ċirkulari AKL 59/2017 mingħand is-Segretarju Ezekuttiv rigward EDIC Newsletter.

(5941) E-mail mingħand Local Government on behalf of Euaffairs at DLG rigward Partecipazzjoni fil-European Week of Regions and Cities 2017 - Is-Sindku nnota li kif kien ga avza lil Kunsilliera li s-Segretarja interessata Ii tattendi u l-Kunsill jipprovdi l-flight. Is-Segretarja giet maghzula u konfermata ukoll minn naha tar-Regjun t'Għawdex. Kien hemm qbil fuq dan.

(5942) Ċirkulari AKL 47/2017 mingħand Regjun Għawdex at DLG rigward Gbir u mmanigjar tal-Iskart – Proposti/Kummenti tar-Regjun Ghawdex.

(5943) Ċirkulari AKL 55/2017 Regjun Għawdex at DLG rigward Proposti dwar l-iskemi tal-Ħaddiema mal-Kunsilli Lokali – Regjun Għawdex.

(5944) E-mail mingħand Kunsill Konsultattiv għan-Nofsinhar ta' Malta rigward stedina ghal Partecipazzjoni.

(5945) Ċirkulari AKL49/2017- mingħand Assocjazzjoni Kunsilli Lokali rigward Attivita' Socjali nhar 31 t'Awwissu 2017.

(5946) Ċirkulari 23/2017 rigward Qualification Allowance għas-Segretarji Ezekuttivi u Ħaddiema Klerikali tal-Kumitati Regjonali u Kunsilli Lokali.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

(5947) E-mail mingħand Local Government on behalf of Euaffairs at DLG rigward Partecipazzjoni fil-European Week of Regions and Cities 2017.

(5948) E-mail mingħand Local Government on behalf of Euaffairs at DLG rigward ESPressON Newsletter – Open Calls for Tenders and Events.

(5949) E-mail mingħand Regjun Għawdex rigward Inizjattiva ta' Tindif fil-Widien – Kien hemm diskussjoni fuq din il-materja u gie deċiz li jitnaddaf il-Wied tar-Ramla u l-wied ħdejn Għar Mixtha.

(5950) Ċirkulari AKL47/2017 mingħand Local Government Association rigward Gbir u mmaniggjar tal-Iskart.

(5951) Ċirkulari AKL 55/2017- mingħand Local Government Association rigward Proposti dwar l-iskemi tal-Ħaddiema mal-Kunsilli Lokali.

(5952) Ċirkulari AKL 61/2017E-mail mingħand LCA rigward Tindif tal-Water Culverts.

(5953) E-mail mingħand Local Division rigward Partecipazzjoni fil-European Week of Regions and Cities 2017.

(5954) E-mail mingħand Department Government for for Local Government rigward European Green Capital and European Green Leaf Awards.

(5955) E-mail mingħand Ministeru għal Għawdex rigward Ministerial Conference – 13 September 2017 – 1600hrs.

(5956) Ċirkulari AKL60/2017-mingħand Local Council Association rigward Inizzjattiva ta' tindif fil-widien.

(5957)Ċirkulari 57/2017-mingħand LCA rigward EDIC publication 'Let's Walk around Europe' and sustainable travelling competition.

(5958) Ċirkulari AKL 62/2017 mingħand LCA rigward ħinijiet tas-Seduti tal-Kunsilli Lokali.

(5959) E-mail mingħand Local Government rigward Streaming tal-laqgħat online u Skema ta' Ghajnuna Finanzjarja għas-servizz tal-Internet.

(5960) Ittra mingħand ARPA rigward l-Obbligu tal-benefiċjarju wara li jintemm il-Progett – Programm tal-Izvilupp Rurali 2007-2013.

(5961) Ċirkulari no. 24/2017 mingħand id-Dipartiment għal Gvern Lokali dwar tibdil fil-website uffiċjali tal-Kunsilli Lokali.

(5962) Ittra mingħand Valletta 18 rigward konferenza annwali.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

**5. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti.**

Is-Sindku spjega fid-dettall il-kontijiet pendenti tal-Pjazza bil-Varjazzjonijiet li kienu diġa ntbgħatu lil Kunsilliera. Kien hemm qbil fuq dawn biex jitħallsu u allura anke nieħdu lura 10,000 ewro mill-Fond Kapitali.

Is-Sindku reġa spjega fit-tul is-Sitwazzjoni Finanzjarja tal-Kunsill lil Kunsilliera. Il-Kunsill għandu jirċievi fil-ġranet li ġejjin 10,000 euro taħt l-iskema tal-Proġetti Kapitali u 10,000 euro tal-Karnival taħt l-iskema tal-Attivitijiet.

Is-Segretarja nnotat li hemm xi kontijiet li għadhom pendenti fuq snin ta' qabel. Is-Segretarja ġabret l-informazzjoni fuq dawn il-kontijiet u nformat lil Kunsillliera bihom. Peress li l-Kunsill qed jirċievi ħlas ta' darba fil-ġimgħa tal-ġbir tal-iskart organiku mingħand Wasteserve, ġie deċiz li jitħallsu l-kontijiet ta' qabel b'dawn il-flus.

L-iskeda ta' pagamenti ġiet approvata minn dawk kollha preżenti.

**6. Attivitajiet – Wine Festival, Halloween, Jum il-Kunsill, Nadur 8K;**

***Wine Festival*** – Is-Sindku nnota li bħala attivita' morna tajjeb ħafna mingħajr problemi u fuq is-sitema l-ġdida tat-tazza jidher li indara l-proċess u kien hemm bizzejjed tokens. L-Entertainment kien tajjeb ukoll u ser isir post-mortem ma' Delicata sabiex jiġu diskussi materji għas-sena 2018.

***Halloween*** – Kien hemm diskussjoni fuq din l-attivita'. Ġie deċiz li din l-attivta' tkun fil-ġurnata 31 t'Ottubru. Is-Sindku ssuġġerixxa li jkun hemm laqgħa għal ġenituri fuq din l-attivita' biex jagħtu huma l-idejat tagħhom ukoll. Ġie deċiz li jkun hemm bonfire, pumpkin carving, logħob għat-tfal, muzika, witch u tqassim tal-ħelu lit-tfal. Gie deċiz ukoll li jkun hemm festun tad-dawl li imbagħad jintuza għal festa ta' San Koronatu.

***Jum il-Kunsill*** – Is-Sindku nnota li bhala attivitajiet għal din is-sena ser jkun hemm Exhibition imtella' mill-Għaqda tal-Presepji, Premju Gieħ in-Nadur, ħarga lil Anzjani jekk possibli Malta, ġita f'Cicciano, Quddiesa, Blood donation fil-5 ta' Novembru, Tournament tal-Futbol, Clean-up fejn jieħdu sehem il-grupp il-gdid fi hdan il-Kunsill bl-għajnuna ta' Mary Gurr u Maria Finger kif ukoll Sports Day fil-Muzew tas-subien. Is-Sindku ssuġġerixxa li titella' attivita' għat tfal fejn immorru ic-Cinema bit-train. Il-Kunsilliera Dr. Rita Mifsud issuġġerit li jkun hemm entertainment differenti ukoll ghal din l-attivita'. Kien hemm qbil fuq dan kollu.

***Nadur 8K*** – Is-Sindku nnota li din l-attivita' tidher li ser tkun success. Marketing beda kmieni u b'serjeta kbira. Ser issir anke website minn Paul Mercieca u jistgħu japplikaw fuqha. Hemm konfermat grupp ta' madwar 50 minn Cicciano li ser jieħdu sehem, kif ukoll gejjin anke il-Pro Loco ta' Cicciano. Hemm ħafna Maltin li diga qed jitħajru. Is-Sindku kompla jgħid li l-Gozo Sports Board daħal parteċipi ukoll fiha u ser ikun hemm pubbliċita fuq it-televizjoni. Din is-sena ser issir ukoll Kids Race 2K. Kien hemm qbil fuq dan kollu.

***Dan il-ħin gie skużat il-Kunsillier Michael Camilleri***

**7. Charter Nadur 2018.**

Il-Viċi Sindku Eucharist Camilleri ta update dwar il-parteċipanti li marru Ibanesti. Dawn marru tajjeb ħafna. Il-Viċi Sindku Eucharist Camilleri tkellem fit-tul rigward ic-Charter 2018 u gie deċiz li jingabru ukoll kwotazzjonijiet għal lanyards ukoll. Ser titella' laqgħa għal ex-participanti kollha li hadu sehem fic-Charter f'pajjizi differenti biex jgħinu fil-hosting u kif ukoll fl-attivitajiet li ser ikun hemm fis sena 2018 fin-Nadur.

**8. Fondi tal-UIF.**

Is-Sindku nnota li dawn issa telgħu madwar 100,000 euro. Is-Sindku ppropona li isir disinn u stima għal rock garden fi Triq Għajn Qasab. Hu kompla jgħid li wara jintuzaw il-fondi li jifdal għal tapiti tal-playing fields, bankijiet u nippruvaw solar lights ta' Daħlet Qorrot. Kien hemm qbil fuq dan.

**9. Manutenzjoni ta' Toroq;**

- ***Triq Qortin***: Is-Sindku nnota li din saret l-applikazzjoni mal-iskema tar-regjun u ser nircievu madwar 9,000 euro. L-istima ghal patch fejn hemm diġa servizzi hija ta madwar 17,000 euro. Is-Sindku staqsa lil Kunsilliera jekk tinharigx offerta fuq din it-triq. Kien hemm qbil li tinħareg offerta fil-granet li gejjin.

- ***Triq Zrajk***: Is-Sindku staqsa lil Kunsilliera jekk tinħarigx offerta għal din it-triq bil-konkrit. Kien hemm qbil fuq din ukoll li tinħareg offerta.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

- ***Linji Triq Plier u Bingemma***: Is- Sindku nnota li l-Perit tal-Kunsill talab lil Planning Authority għal linji ta Triq Plier u anke Triq Bingemma fejn hemm propost il-Community Centre. Kien hemm qbil fuq dan.

**10. Bring-in-Sites:**

Is-Sindku nnota li l-Engineer ta' Galea & Curmi iltaqa' mal-ħaddiema minħabba CCTV installation ħdejn l-iskola. Is-Segretarja nnotat li hemm bzonn ta' wifi u kif ukoll electricity point biex teħel il-camera. Il-Kunsill ser jara dwar dan fid-dettall.

**11. Rikjesti u Talbiet mill-Pubbliku;**

- Talba għal sement f'passagg fi Triq Għajn Qasab li huwa tal-Kunsill Lokali.
- Talba biex issir rampa ma' bankina fi Triq Knisja.
- Bzonn li jitrangaw ġlobi ta' Ġnien tal-Ħali.
- Tindif bil-magna tas-Street Sweeping fi Triq Dun Anton Tabone.
- Talba għal Unloading Bay fi Triq Ta' Said.
- Bini ta' ħajt fi Triq il-Qala li jista ikun li jkun hemm bzonn ta' kantuni uzati.
- Talba mingħand il-Viċi Sindku Eucharist Camillieri għal bankina ta' Lucia Galea fi Triq ta' Ħida.
- Talba mingħand il-Viċi Sindku Eucharist Camillieri għal bankina tas-Sala Parrokjali fi Triq Xandriku.
- Talba mingħand il-Viċi Sindku rigward trinka ta' Karmenu Falzon.
- Talba għal disabled parking fi Triq il-Madonna ta' Fatima.
- Reminder mingħand il-Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar rigward it-talba għal bozza ġdida fil-Gnien San Blas. Is-Sindku spjega li qed jara x'inhu l-aħjar mod possibli peress li l-anqas hemm arblu.

**12. Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa spiċċat fis-7:30pm. Il-Kunsill qabel li laqgħa oħra ssir nhar il-Hamis, 5 ta' Ottubru 2017, fl-5.30p.m.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |